MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Numru. 107/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlos Cordina**
**Spettur Jason Francis Sultana**

**VS**

**Yanica Zahra detentrici tal-karta tal-identita' numru 514887M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Yanica Zahra** li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-2 ta’ April, 2015, ghall-habta tal-0130hrs, gewwa l-Gzira, zammet u/jew garret strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicin Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli b’hekk irrendiet ruhha recidiva ta’ sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputata mal-prezentata b’arrest, u dan wara li l-Qorti tatha zmien xieraq sabiex terga’ tahseb dwar l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputata ddikkjarat li ma kellhix oggezzjoni;

Rat li gie mitlub u redatt Pre-Sentencing Report fejn gie rakkommandat illi l-imputata tinghata Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat pero li tali applikazzjoni hija prekluza ai termini tal-Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi hija anke ammettiet ghar-recidiva, u hija ghalhekk ghandha tigi kkundannata ghal piena karcerarja effettiva.

Illi ghaldaqstant, fuq ammissjoni taghha stess, u anke wara li l-Qorti rat l-istqarrija tal-imputata ezebita, qieghda ssib htija, u dan wara li rat l-Artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll ir-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u l-GN 292/1939, u LS 101.02, Reg 9, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur habs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------